# Lill-Pjaċir

Qarrieq mill-bidu, rsaqt bil-kelma rżina
fuq l-ewwel mara u bdejt il-ħajr għad-dnub.
Hi, fiergħa, m'għarfitekx: fil-ħolma bnina
li sawwartilha ħasset qalbha ddub

u rtifset tal-Mulej ċ-ċaħda ħanina,
u safa l-Bniedem minnufih midrub
fl-isbaħ setgħet tal-Qalb, u bdiet għalina
ħajja qalila taħt sultan magħdub.

U hekk, qarrieqi, taħt il-lbies tal-Hena
bqajt tindehes mal-ġnus, ulied il-Ħtija,
u żżid u tkabbar ir-rebħiet kull sena.

Iżda min ħabb lil Kristu u ssallab miegħu
għaraf, PJACIR, li int gidba faħxija,
maskra tal-Hena u l-akbar Għadu tiegħu.

22-23—VII—38.